MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2012

Numru 16/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**AbdulSalam Salem Ben Ahmed**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 16 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat AbdulSalam Salem Ben Ahmed li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi AbdulSalam Salem Ben Ahmed fid-9 ta' Gunju 2000 u fl-ahhar granet qabel din d-data kien jittraffika illegalment d-droga eroina u dan kien jaghmlu billi kien ibiegh u jikkonsinna l-istess droga lil diversi persuni fosthom lil Anthony Zammit kemm ir-Rabat fejn kien joqghod, kif ukoll postijiet ohra. Illi fl-istess zmien kien laqa lil John Woods , Bakkush u l-istess Anthony Zammit li kienu harbu mil-habs fir-residenza tieghu r-Rabat.

Id-droga herojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre AbdulSalam Salem Ben Ahmed ma kienx fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess AbdulSalam Salem Ben Ahmed ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-

Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi (2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (116468.67)u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht ic- cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fid-9 ta' Gunju 2000 u granet qabel AbdulSalam Salem Ben Ahmed kellu fil-pussess illegali tieghu d-droga eroina li ma kienetx ghal-uzu esklussiv tieghu. Illi infatti hu ta min din d-droga lil diversi persuni fosthom Anthony Zammit.

Illi d-droga herojina hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u l-imsemmi AbdulSalam Salem Ben

Ahmed ma kellux awtorizzazzjoni ghall- esportazzjoni jew importazzjoni tad-droga msemmija mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza msemmija u ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni dik id-droga. Anqas kien b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u anqas kien awtorizzat mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu. Anqas giet id-droga msemmija fornita lill-istess akkuzat ghall-uzu tieghu skond xi ricetta kif provdut fir-regolamenti.

Illi b'ghemilu l-imsemmi akkuzat sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d- droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r- reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill- imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed, hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV u V tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma

kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill- President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall- Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi, u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi(2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax il-elf erba mija u tmienja u sittin euro u seba u sittin centezmi (116468.67)u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall- Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(h), 31, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi iddikjarat hati l-akkuzat,

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fl-14 ta’ Gunju 2000 ghal habta tas-1.00pm gewwa Bugibba waqt li l-Pulizija kien qed jfittxu lil AbdulSalem Salem Ben Ahmed l-istess akkuzat irrezista illegalment bil-forza l-arrest tieghu billi imbotta darbtejn lil WPS 45 Marisa Bartolo li kienet qed tesegwixxi d-dmir taghha.

Illi b’ghemilu l-imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed sar hati ta’ Attakk jew resistwenza jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi

minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, b'dan li l-attakk jew resistenza saret minn wiehed jew tnejn minn nies.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lil imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed hati talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi min awtorita kompetenti, b'dan li l-attakk jew resistenza sar minn wiehed jew tnejn minn nies; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta prigunerija minn erba xhur sa sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 96(a) u 533 tal Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tighata ghal htija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Raba' Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza illi fis-7 ta' Gunju 2000 u fil-jiem ta' wara AbdulSalam Salem Ben Ahmed laqa illegalment f'post tieghu r-Rabat u postijiet ohra lil Ahmed Ben Hamed Fakri Ezawi, John Woods u Anthony Zammit, persuni li kienu harbu mill-habs u li kienu soggetti ghal piena karcerarja ta' aktar min tlett xhur.

Illi b'ghemilu AbdulSalam Salem Ben Ahmed ssar hati talli xjentement laqa' ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa' ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar min tlett xhur, inkella li l-pulizija esekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li tkun giet arrestata ghal dak ir-reat.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali akkuza lil imsemmi AbdulSalam Salem Ben Ahmed hati talli xjentement laqa ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta' arrest ghal reat suggett ghall-piena ta' prigunerija ghal aktar min tlett xhur, inkella li l-pulizija esekuttiva tkun tfittex sabiex

tarrestaha ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li tkun giet arrestata ghal dak ir-reat; talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlett tijiem sa tliet xhur skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 158 u 533 tal Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghal htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil AbdulSalam Salem Ben Ahmed hati talli

1. fid-9 ta' Gunju, 2000 u fl-ahhar granet qabel din id-data forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d- droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, dana skond l-Ewwel Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza;
2. fid-9 ta' Gunju, 2000 u granet qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina li ghalija tapplika it-Taqsima IV

u V tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal- Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija; b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu,

w dana skond it-Tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

3. fl-14 ta’ Gunju, 2000 ghall-habta tas-1.00 p.m. gewwa Bugibba attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi min awtorita kompetenti, b’dan li l-attakk jew resistenza sar minn wiehed jew tnejn minn nies, u dana skond it-Tielet Kap ta’ l-Att tal-Akkuza.

4. fis-7 ta’ Gunju, 2000 u fil-jiem ta’ wara, xjentement laqa ghandu jew gieghel lil haddiehor li jilqa ghandu persuna li kontra taghha jkun hemm ordni ta’ arrest ghal reat suggett ghall-piena ta’ prigunerija ghal aktar min tlett xhur, inkella li l-pulizija esekuttiva tkun tfittex sabiex tarrestaha ghal dak ir-reat, jew li tkun harbet wara li tkun giet arrestata ghal dak ir- reat;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco li jinsabu kollha registrati.

Qieset dak li qal l-abbli difensur Dr. Franco Debono li wkoll jinsabu senjament registrati.

Ikkunsidrat;

Jidher li bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni kien hemm nuqqas ta' qbil dwar it-tifsira li ghandha tinghata lill-artikolu 29 tal-Kap. 101 peress li bl-applikazzjoni taghha l-akkuzat seta jibbenefika fit-tnaqqis tal-piena bi grad jew tnejn. Id-difiza argumentat li ghandha tinghata tifsira aktar wisa lil dan l-artikolu peress li jista` jkollok sitwazzjoni fejn minkejja l-kooperazzjoni tal-akkuzat il-pulizija ma tiehux il-provvedimenti fil-hin u l-informazzjoni li tkun inghatat, minkejja valida, ma twassalx ghal qbid ta' persuna. B'hekk akkuzat jkun qed jigi pregudikat minhabba cirkostanzi barra l-kontrol tieghu u jkun qed isofri l-konsegwenzi tat-traskuragni ta' haddiehor.

Ikkunsidrat :

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni. Il-kliem tal-ligi fl-artikolu 29 tal-Kap. 101 hu car u ma jhalli l-ebda lok ghall-interpretazzjoni. Akkuzat jsita` jibbenefika minn dan l-artikolu jekk l-informazzjoni moghtija minnu tkun ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-persuna li tkun ipprovditlu d-droga. Jekk il-prosekuzzjoni ma taghmilx din id-dikjarazzjoni minn rajha allura akkuzat jista` jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li l-informazzjoni tieghu "tkun hekk ghenet lill-Pulizija". L-ghan ahhari tal-informazzjoni dejjem irid ikun il-qbid, jew bl-ingliz "apprehend" il-fornitur tad-droga. L-artikolu ma jsemmi xejn dwar l-operat post informazzjoni tal-Pulizija u kemm dawn ghandhom jew m'ghandhomx ikunu efficjenti. Dan l-artikolu hu bazat biss fuq l-operat tal-akkuzat u mhux dak tal-Pulizija u huwa dak ta' l-ewwel li hu taht skrutinju. L-unika alternattiva postulata hi l-akkuzat jipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li l-informazzjoni tieghu tkun ghenet lill-Pulizija taqbad lill-fornitur tad-droga. Alternattivi ohra huma kollha spekulativi li kif hi l-ligi llum ma jistghux jigu kunsidrati.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ddikjarat biss li l-akkuzat ikkoopera mal-Pulizija u li l-istqarrija tieghu kienet wahda veritjiera. Ghalhekk, kien jinkombi fuqhu li juri lill-Qorti li l-informazzjoni tieghu ghenet lill-Pulizija biex taqbad lill-fornitur u cioe` David Gatt. Mill-provi rrizulta li dan ma

kienx minnu ghax David Gatt gie arrestat fl-istess hin u lok mal-akkuzat u l-Pulizija diga` kellhom informazzjoni fuq dan ta' l-ahhar li giet korroborata mill-akkuzat.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li fin-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni, l-akkuzat ma rrnexxilux jipprova a sodisfazzjoni tal-Qorti li ghen biex jigi maqbud il-fornitur tad-droga ghax dan kien diga` arrestat qabel ma gie interrogat l-akkuzat. Kwindi hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-artikolu 29 tal-Kap. 101 m'ghandhux japplika ghal dan il-kaz.

Illi r-reati taht l-ewwel zewg kapi tal-att ta' l-akkuza, ghall-fini tal-piena, huma assorbiti fir-reat taht it-tieni kap stante li serva bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' pussess aggravat taht dan it-tieni kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn l-ewwel u t-tieni kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Peress li, wara li hadet kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u senjatament l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, u b' mod partikolari f' dan il-kaz il-kwantita' ta' droga involuta fir-reati, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reati, kif ukoll sentenzi recenti fejn kien hemm ammissjoni ta' reati simili w fejn il-kwantita' tad-drogi kienet piu' o meno simili ghal dik involuta f'dan il-kaz. Peress li ma hemmx raguni ohra skond il-ligi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-

Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-Artikoli 17(b), 17(h), 20, 22, 23, 31, 96(a), 158 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati AbdulSalam Salem Ben Ahmed ghall-piena komplessiva ta’ erba` (4) snin u tlett (3) xhur prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta’ elfejn, tlett mija w disa` w ghoxrin Euro u seba` w ghoxrin Ewro centezmi (€2,329.27) li jekk ma tithallas puntwalment, tigi konvertita f’ terminu ta’ tlett (3) xhur prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta’ tnejn u tletin Euros u tnejn u sittin Euro centezmi (€32.62) import ta’ l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------